

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/581

tas-16 ta' April 2018

li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċertu tip ta' prodotti maħsuba li jiġu inkorporati jew użati f'ingeni tal-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1147/2002

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1147/2002 ⁽¹⁾, id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni ġew sospiżi b'mod temporanju għal ċerti partijiet, komponenti u oġġetti oħra tat-tip maħsuba li jiġu inkorporati fl-ingeni tal-ajru ċivili jew użati għalihom, meta jkunu importati b'ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà. Dak ir-Regolament issimplifika l-proċeduri doganali għall-importazzjonijiet ħielsa mid-dazju tal-partijiet, il-komponenti u oġġetti oħra użati għall-manifattura, it-tiswija, il-manutenzjoni, il-bini mill-ġdid, il-modifika jew il-konverżjoni tal-ingeni tal-ajru. Madankollu, minħabba l-iżviluppi leġislattivi u tekniċi estensivi li seħew mis-sena 2002 'l hawn, u fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1147/2002 jiġi sostitwit.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet mingħand l-Istati Membri, is-sospensjoni temporanja introdotta permezz tar-Regolament (KE) Nru 1147/2002 tibqa' meħtieġa sabiex jittaffa l-piż amministrattiv kemm fuq l-operaturi ekonomiċi fis-settur tal-ingeni tal-ajru kif ukoll fuq l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, billi l-importazzjonijiet taħt proċeduri speċjali b'superviżjoni doganali bħal dawk tal-użu finali, l-ipproċessar attiv jew il-ħażna doganali jkunu ta' piż. Għalhekk is-sospensjoni temporanja jenħtieġ li tkompli.
- (3) Minħabba l-fatt li l-prezzijiet għall-partijiet u l-komponenti użati fis-settur tal-ingeni tal-ajru huma normalment ħafna ogħla mill-prezzijiet għal oġġetti simili użati għal skopijiet oħra, ir-riskju li l-oġġetti ħielsa mid-dazju importati jintużaw f'setturi industrijali oħra u, b'hekk ir-riskju ta' abbuż tas-sospensjoni temporanja, huwa żgħir ħafna.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽²⁾ jipprevedi li sabiex parti tkun eliġibbli għall-installazzjoni fi prodott li għandu ċ-ċertifikat tat-tip, hija trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA) maħruġ minn parti awtorizzata mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, is-sospensjoni tad-dazji doganali jenħtieġ li tkun tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat jew, fil-każ ta' tiswija jew manutenzjoni ta' oġġetti li jkunu tilfu l-istatus tagħhom tal-ajrunavigabbiltà, fuq id-disponibbiltà ta' ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat preċedenti.
- (5) Barra minn hekk, jenħtieġ li ċertifikati ekwivalenti maħruġa minn pajjiżi terzi u ċertifikati li kienu nħarġu fil-qafas ta' ftehimiet bilaterali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni mal-Unjoni qabel l-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) jiġu aċċettati wkoll bħala alternattiva għaċ-ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA).

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1147/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni dwar ċerti prodotti importati b'ċertifikati li tajbin għat-tajran (ĠUL 170, 29.6.2002, p. 8).

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' ingeni tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠUL 224, 21.8.2012, p. 1).

- (6) Meta wieħed iqis li ċ-ċertifikati jinħarġu f'forma elettronika, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċertifikati jsiru disponibbli jew bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data jew inkella b'mezzi oħra għall-finijiet li jittieħed benefiċċju mis-sospensjoni.
- (7) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli doganali, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jkun fihom referenza għan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat jew, fil-każ ta' tiswija jew manutenzjoni ta' oġġetti li jkunu tilfu l-istatus tagħhom tal-ajrunavigabbiltà, għan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat preċedenti.
- (8) L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu opinjoni esperta minn rappreżentant tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, bi spiża għall-importatur, meta jkollhom suspett li ċ-ċertifikat ġie ffalsifikat. Madankollu, qabel tittieħed din l-azzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jikkunsidraw ir-riskju li l-ispiża tal-opinjoni esperta tissupera l-benefiċċju lill-importatur tas-sospensjoni tad-dazji, f'każ li skont l-opinjoni esperta r-regoli għall-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati ma nkissrux.
- (9) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex din tistabbilixxi lista tal-intestaturi, is-subintestaturi u l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ li skonthom l-oġġetti eliġibbli għal sospensjoni skont dan ir-Regolament huma kklassifikati, u biex tistabbilixxi lista ta' ċertifikati li jitqiesu ekwivalenti għaċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat, il-Formola 1 tal-EASA. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (10) Fid-dawl tal-bidliet estensivi miġjuba b'dan ir-Regolament rigward il-prodotti eliġibbli għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi doganali, iċ-ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat aċċettabbli u l-proċeduri, kif ukoll fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1147/2002 jitħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għall-partijiet, il-komponenti u oġġetti oħra tat-tip maħsuba li jiġu inkorporati fl-inġenji tal-ajru jew użati għall-inġenji tal-ajru u partijiet minnhom fil-proċess tal-manifattura, it-tiswija, il-manutenzjoni, il-bini mill-ġdid, il-modifika jew il-konverżjoni għandhom jiġu sospiżi.

Dawk id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jiġu sospiżi wkoll għal oġġetti li jkunu tilfu l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tagħhom meta jkunu ġew importati għat-tiswija jew il-manutenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista tal-intestaturi, is-subintestaturi u l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 li skontha l-oġġetti eliġibbli għas-sospensjoni huma kklassifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2).

Artikolu 2

1. Sabiex l-oġġetti jibbenefikaw mis-sospensjoni stipulata fl-Artikolu 1, id-dikjarant għandu jagħmel disponibbli ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat, il-Formola 1 tal-EASA, kif stabbilita fl-Appendiċi I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, jew ċertifikat ekwivalenti, lill-awtoritajiet doganali meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Iċ-ċertifikat għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data jew mezz oħra.

Id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għandu jkun fiha referenza għan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat jew, fil-każ ta' tiswija jew manutenzjoni ta' oġġetti li jkunu tilfu l-istatus tagħhom tal-ajrunavigabbiltà, għan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat preċedenti.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' ċertifikati li huma meqjusa bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat, il-Formola 1 tal-EASA. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2).

Artikolu 3

Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom raġuni valida li jissuspettaw li ċertifikat li tpoġġa għad-dispożizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 2(1) ikun ġie ffalsifikat, jistgħu jitolbu opinjoni esperta minn rappreżentant tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni. L-importatur għandu jħallas l-ispejjeż tal-opinjoni esperta.

Meta jiddeċiedu dwar jekk għandhomx jitolbu opinjoni esperta, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkunsidraw ir-riskju li l-ispiża tal-opinjoni esperta tissupera l-benefiċċju għall-importatur tas-sospensjoni tad-dazji, fil-każ li skont l-opinjoni esperta r-regoli għall-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati ma jkunux inkissru.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KE) Nru 1147/2002 huwa mħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-19 ta' April 2018. Madankollu, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikoli 3 u 5 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 2(2), u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' April 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PORODZANOV

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1).